MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 604/2012

**Francis Abela ID. 153857M**

**Vs**

**Edwin Mamo ID 562942(M) u**

**Mary Mamo ID 791745(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Settembru, 2012 fejn l-attur tallab illi jghid ghalxiex m'ghandkomx tigu kkundannati thallsu lill-attur l-ammont ta' seba' mija u tmenin Ewro (€780) rapprezentanti hlas ghal xoghol u tikhil u xoghol iehor relatat fil-fond taghkom, li l-mitenti ghamel fuq inkarigu taghkom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru: 863/12 taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ipprezentata fis-15 ta' April, 2012.

L-konvenuti debitament notifikati pprezentaw risposta fl-14 ta' Novembru, 2012 illi, fl-ewwel lok preliminarjament, stante illi fiz-zewg seduti li diga' nzammu quddiem dan l-Onorabbli Tribunal, u

cioe' dawk tal-4 ta' Ottubru 2012 u tat-22 ta' Ottubru, 2012, l-attur naqas milli jidher, fl-eventwalita' li l-attur jerga' jonqos milli jidher fis-seduta li jmiss, il-kawza ghandha tigi rigettata bl-ispejjez, ai termini tas-sub-artikolu (a) tal-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fit-tieni lok preliminarjament ukoll, minghajr pregudizzju u subordinatament, l-azzjoni tal-attur ghall-prezz tax-xoghol tieghu hija preskritta bil-perjodu ta' sentejn ai termini tas-sub-artikolu (a) tal-artikolu 2149 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, stante li l-esponenti kienu diga hallsu l-ammont kollu docut lill-attur ghax-xogholijiet tieghu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Xehed Edwin Mamo li spjega li qabbad lill-attur jaghmillu xoghol ta' zebgha. Wara li x-xoghol tlesta l-attur qallu li ma kienx hemm charge. Il-konvenut baqa' jinsisti biex ihallsu tant illi ha cheque book u anki beda jikteb ic-cekk izda imbaghad l-attur talbu cash u kien talbu hames mitt ewro (€500) liema ammont il-konvenut gibed mill-bank u tahom lil attur. Rigward ricevuta tal-VAT l-attur qallu illi kemm il darba ma zammx VAT allura ma kienx ser johrog rcevuta. Il-konvenut talbu karta ohra mhux tal-kumpanija li tikkonferma li kien hallas izda wara hafna jitlobhielu qata qalbu jsaqsi ghaliha u l-attur baqa' ma ghamililhux.

Xehed ukoll Emanuel Brincat li qal illi semgha lil Edwin Mamo jitlob ricevuta lil Francis Abela u wara Edwin Mamo kien fehmu illi Francis Abela kien ghamillu xi xoghol li tieghu kien hallsu pero ricevuta kien ghadu ma rceviex. Madanakollu mistoqsi in kontroezami dan ix-xhud jghid illi kien il boghod mill-vettura ta' Francis Abela u ma semgha xejn. Qal ukoll illi Edwin Mamo qatt ma qaghad jirrakuntalu affarijiet personali tieghu.

Sussegwentament it-Tribunal ghadda biex iddecieda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li giet michuda u ghalhekk tkompliet il-kawza.

Fir-rigward tal-ahhar eccezzjoni tal-konvenut it-Tribunal ghandu jqis il-veracita fix-xhieda tal-partijiet. Filwaqt illi  l-attur kien dejjem konsistenti meta qal illi ghamel ix-xoghol u li tieghu ma thallasx min-naha l-ohra hemm Edwin Mamo li qal illi mar ihallas b'cekk u wara li l-attur ma riedx flus hu kien insista li jhallas pero l-attur issa talbu cash u ghalhekk mar jigbed hames mitt ewro (€500) u tahomlu. Il-konvenut ressaq ukoll xhud Emanuel Brincat li kien inkonsistenti ghal ahhar fix-xhieda tieghu. Il-verzjoni tal-konvenut ma hix kredibbli mentri l-verzjoni tal-attur hija iktar verosimili.

Ghal din ir-raguni t-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' seba' mija u tmenin ewro (€780) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tat-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------